MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru 1246/2009

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
DAREN ANTHONY AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Daren Anthony Azzopardi, ta' 42 sena, iben l/Alfred u Silvia, mwielda Cuschieri, imwieled Sydney, Awstralja fil-5 ta' Settembru, 1967, residenti gewwa St. Gerard Flat 2, Triq Bordin, Gwardamangia, Pieta' u detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 139184(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-23 ta' Mejju 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn

Malta, kellu fil-pussess tieghu ritratti, *film*, *video recording* jew xbieha eletronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *film*, *video recordings,* jew xbiehat elettronici indecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208A (1A) u {1C(3)} tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fir-verbal datat 8 ta' Marzu, 2010);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Daren Anthony Azzopardi hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A(1A),{1C(3)}, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin. In oltre tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' sena, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni taz-zewg hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok.SD mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------